31998D0646

L 308/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.11.1998

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Novembru 1998

## adottata fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq l-osservazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Kosovo

(98/646/PBSK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni (Nru 30) dwar l-Unjoni Ewropea tal-Punent inkluża fl-Att Konklussiv iffirmat ma' l-adozzjoni tat-Trattat,

Billi l-Kunsill adotta dikjarazzjoni fis-26 ta' Ottubru 1998 li tfisser l-approċċ komprensiv lil Kosovo li jinkludi appoġġ sħiħ mill-Unjoni Ewropea għall-ftehim iffirmat f'Belgrad fis-16 ta' Ottubru 1998 bejn ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (FRY) u l-OSCE u fil-15 ta' Ottubru 1998 bejn il-FRY u n-NATO, appoġġ sħiħ għall-OSCE u għall-Missjoni ta' Verifikazzjoni tal-Kosovo, kif ukoll il-prontezza ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti kontribut lill-assistenza ta' refuġjati;

Billi l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kif definita hawn fuq teħtieġ konoxxenza preċiża tas-sitwazzjoni fl-art fil-Kosovo; billi din il-konoxxenza tista' tiġi ffaċilitata b'informazzjoni li ġejja mill-interpretazzjoni ta' l-immaġni ta' l-ispazju;

Billi ċ-Ċentru tas-Sattelita ta' l-Unjoni Ewropea tal-Punent(WEU) għandu, fost il-missjonijiet tiegħu, il-forniment ta' "informazzjoni li ġejja mill-interpretazzjoni ta' l-immaġni ta' l-ispazju", fost ħwejjeġ oħra, għal sorveljanza ta' sigurtà ġenerali, li tinkludi sorveljanza ġenerali ta' żoni ta' interess għall-WEU fuq il-bażi ta' mandat tal-Kunsill u appoġġ għal verifikazzjoni tat-trattat;

Billi skond dawn il-kondizzjonijiet l-Unjoni Ewropea għandha ddur għall-għajnuna mill-WEU,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Unjoni Ewropea titlob lill-WEU biex tipprovdi informazzjoni relevanti li hi disponibbli miċ-Ċentru tas-Satellita tal-WEU dwar:

— l-istat ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim iffirmat f'Belgrad fis-16 ta' Ottubru 1998 bejn il-FRY u l-OSCE u fil-15 ta' Ottubru 1998 bejn il-FRY u n-NATO,

u

— is-sitwazzjoni tar-refuġjati u l-infrastruttura dwar dan bl-iskop li l-Unjoni Ewropea tagħti kontribut lill-osservazzjoni neċessarja għas-suċċess totali tal-missjonijiet ta' l-OSCE u n-NATO.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-WEU skond il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Mejju 1996 dwar it-trasmissjoni lill-WEU ta' dokumenti ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-13 ta' Novembru 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. FARNLEITNER